MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1844/2004

**Raymond Bezzina f'isem Melco Limited**

**vs**

**Glenn Magro**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tmienja u erbghin lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm1148.16) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku illi sehh nhar il-15 ta' April 2004 ghal habta tad-9.00pm gewwa Naxxar Road, Mosta, bejn il-vettura proprjeta ta' l-attur bin-numru ta' Registrazzjoni DAT934 u l-vettura misjuqa mil-konvenut Glenn Magro bin-numru ta' Registrazzjoni BBE443 liema incident sehh unikament**

**bhala rizultat tat-traskuraggni, negligenza u nuqqas ta osservanza ta' regolamenti tat-traffiku ta' l-istess konvenut;**
**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal hdax-il lira u hamsin centezmu (LM11.50), dawk ta' l-ittra legali tas-26 ta' Mejju 2004, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma l-avviz lis-socjeta Gasan Mamo Insurance Ltd, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal:**
**Illi, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh minhabba "Casus", hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Semgha x-xhieda ta' Raymond Bezzina, Anthony Montebello, Glenn Magro. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-15 ta' April 2004, f'Naxxar Road, Mosta ghall-habta tad-9.00pm. Involuti fil-kollizjoni kienu il-vettura DAT934 misjuqa mill-attur u l-vettura BBE443 misjuqa mil-konvenut.**
**2. Il-konvenut qed jeccepixxi li l-incident ma garax minhabba xi negligenza da parti tieghu izda minhabba "Casus" minhabba zejt li kien hemm fl-art, liema zejt telliflu l-kontroll.**
**3. Jirrizulta li fil-mument ta' l-impatt l-attur kien waqqaf hdejn l-istop sign qabel ma tigi ghar-"roundabout" li hemm faccata ta' Kinds showroom f'Naxxar Road. L-attur kien wieqaf hemm minhabba illi kien hemm kollizjoni ohra u il-'warden' kien qed jaqsam quddiemu waqt li kien qed ikejjel.**
**4. Skond ma qal il-konvenut, "a tempo vergine", "kont gej, rajt il-"cones", rajt il-'warden', b'karozza**

**quddiemi, zammejt 'break' u skiddjajt fuq iz-zejt li kien hemm u hbatt f'ta quddiemi."**

**5. Jirrizulta li t-triq kienet mxarrba bix-xita. Jirrizulta li l-attur waqaf b'mod normali minghajr ma skiddja, meta ra il-'warden' ikejjel.**

**6. Jirrizulta li d-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur mill-konvenut kienet fuq wara, u kienet daqqa kbira skond ma jirrizulta mir-ritratt a fol 15 tal-process u mis-'survey' DOK.RB1.**

**7. Dawna huwa ndikattiv ta' certa velocita' li kien gej biha il-konvenut.**

**8. Jirrizulta illi bid-daqqa l-vettura ta' l-attur giet spustata il-quddiem.**

**9. It-Tribunal jinnota illi il-konvenut ma kienx car dwar iz-zejt li allegatament kien hemm ma l-art. It-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk il-konvenut kien ghaddej b'mod prudenti, kif kien ghaddej l-attur, ma kien hemm xejn li jzommu milli jwaqqaf fil-hin.**

**10. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-elementi necessarji biex tigi stabbilita n-negligenza. Kif jinghad: "la colpa stradale, oltre ai presupposti di fatto e di diritto, richiede, per la sua configurazione giuridica autonoma, anche la sussistenza di elementi strutturali ed essenziali ravvisabili nell' elemento psicologico e nell'elemento obiettivo……per questa funzione specializzante, l'elemento soggettivo, per una chiara intuizione del graduarsi del processo colposo, si suole distinguere: a) intervallo cronologico; b) intervallo tecnico; c) intervallo psicico con l-intervallo cronologico si delinea la rappresentazione del susseguirsi e dell'evolversi dell serie causale, dalla condotta all'evento dell'incidente realizzato in una determinate unita' di tempo ed in una determinate unita' di spazio. E' la cosidetta percezione del tempo rapportata alla sensibilita' e alla intuizione del conducente o del pedone al momento dell'evento scontro o al momento dell'evento investimento. Con l'intervallo tecnico, invece, si dimostra la possibilita' di controllo e di manovra della gente nei confronti del mezzo, lungo l'arco cronologico, che va dai prodromi dell'azione alla condotta e da questa, all'evento. E' il cosidetto potere**

di dominio del mezzo, il grado di fusione tra la gente e il mezzo stesso. Con l'intervallo psicico, infine, si fotografa la percezione, la possibilita', o la prevedibilita' di percepire l'imminenza del pericolo. Sulla determinazione di questo intervallo si concentra l'indagine piu' meticolosa, perche' adesso si riconducono le risultanze obiettive dell'incidente e nel contempo da esse si traggono I presupposti, le condizioni e le possibilita' della condotta in riferimento all'evento verificato." (Colpa Stradale, Luigi Balsano, Pag 30. et seq). Huma dawn l-elementi li jiddistingwu l-att negligenti mis-semplici "casus".

11. Ghalhekk minn ezami tal-komportament tal-konvenut immedjatament qabel l-incident, apparti l-fatt illi min kien ghadda qablu kien waqqaf minghajr problema ta' xejn, jwassal lit-Tribunal ghal konkluzjoni illi il-konvenut ma kienx qieghed sufficjentement attent ghal dak li kien qieghed jigri quddiemu, kien ghaddej b'velocita' eccessiva tenut kont tal-kondizzjoni tat-triq u tal-hin ta' l-incident (Giuseppa Debono Vs. Philip Camilleri et, Appel Civili Vol. XLVI PI,p112), u ma kienx f'kundizzjoni illi jilhaq jaghmel manuvra evasiva.

12. Fic-cirkostanzi, b'ebda mod ma jista' jinghad illi kien hemm "Casus" kif qed jallega il-konvenut. Il-konvenut kif sew sottomess mill-abbli difensur ta' l-attur, ma kienx qed jzomm "a proper lookout" u ma kienx qed jsuq b'mod galbat, u tenut kont ta' dak fuq citat ma hemmx dubbju illi kien hemm l-elementi kollha sabiex jigi ravvizat sewqan negligenti da parti tieghu.

13. Dwar id-danni, dawna jirrizultaw fl-ammont mitlub skond id-DOK. RB1 sa RB4.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jsib lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah jhallas lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' elf mija u tmienja u erbghin Lira Maltija u sittax il-centezmu (LM1148.16), bl-imghaxijiet legali dekorribli mis-16 ta' Ottubru 2004 sad-data tal-hlas effetiv.

**l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi hdax-il lira u hamsin centezmu tal-konsult, dawk ta' l-ittra legali tas-26 ta' Mejju 2004, dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma l-avviz lis-socjeta' Gasan Mamo Insurance Ltd, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------